# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1108/97

Joseph Mallia

vs

Chairman in rapprezentanza tat-Telemalta Corporation u b' digriet tad-9 ta' Frar 2000 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 6 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha u gie trasferit ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal jahdem mat-Telemalta fl-1966 bhala apprentist.

Fl-1981 huwa nghata promozzjoni ghal T.T.2.

Fl-1986, huwa kien gie mahtur T.O. 1

F’ Lulju tal-1989, kienu hargu sejhiet ghall-promozzjoni ghal T.O.2 u T.O.3. Huwa applika u ghamel l-interview.

Meta hargu r-rizultati sab li kien gie maqbuz minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu.

Fl-ahhar tal-1990, huwa gie trasferit mill-E10 Exchange tal-Marsa ghall-Exchange il-gdid ta’ San Gorg, fejn dan il-bini kien ghadu gebel u saqaf, u gie mpoggi f’kamra vojta ghal 3 xhur shah, ma jaghmel assolutament xejn.

Fis-7 ta’ Dicembru ta’ l-1991, gie trasferit ghas-Sliema Test Room, meta huwa kien jokkupa l-kariga ta’ T.O.1, izda kien jigi kmandat minn ohrajn ta’ grad inqas minnu, u dan bil-barka tas-superjuri tieghu. Hemm gie wkoll imcahhad milli jaghmel overtime. Hemhekk dam sa Mejju ta’ l-1996.

Illum, huwa ghandu l-grad ta’ STO, skala 10, li din kien ikkwalifika ghaliha bir-rijorganizzazzjoni ta’ l-1992.

Li kieku huwa ma giex imcahhad il-promozzjoni imsemmija aktar il-fuq, kieku huwa llum qieghed fi skala tal-paga ghola.

Ghaldaqstant ir-rikorrent hass li huwa gie mtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu, ingustament, minhabba t-twemmin politiku tieghu, u b'hekk sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi li jinghata l-promozzjoni li huwa gie mtellef ingustament, b'lura mid-data li harget u li jigi kumpensat ghal dak kollu li huwa tilef, skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm.5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat nomine li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer II u Technical Officer III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg postijiet pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

3. Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Techical Officer II, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 47 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 9 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 8 minn 20 marka ta' l-esperjenza; 10 marki minn 15-il marka ghal kwalifiki; 10 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 6 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 4 minn 5 marki ghal personalita'.

4. Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Techical Officer III, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 44 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 15-il marka minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 5 minn 20 marka ta' l-esperjenza; 10 marki minn 15-il marka ghal kwalifiki; 6 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 4 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 4 minn 5 marki ghal personalita'.

5. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata li dan it-Tribunal joghogbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprerzenta affidavit fejn semma li dahal fl-1967 bhala apprentista mal-Post & Telephone sezzjoni tat-telephones. Ha tahrig fuq l-iStrouger Exchange, fil-Workshop, fil-PBX's, fid-Drawing Office, fit-Testroom. Wara ghadda mill-ezami ghall-Journeyman's Certificate. Fi Frar 1974 gie impjegat mal-gvern bhala Fitter I mal-Post and Telephones. Fl-1976 gie mibghut B'Kara exchange, fejn min hemm tlett darbiet f'gimgha kien jitla jattendi u jiehu hsieb is-satellite exchange tar-Rabat.

Fil-perjodu ta' bejn 1976-1978 beda jigi installat E10 Digital Transmission Exchange Franciz li kien maghruf bhala l-E10 exchange. Dak spicca biex jiehu eluf ta' klijenti. Ir-rikorrent applika u gie maghzul ma' hamsa ohra biex jibda naghmel kors fuq dan l-E10. Ghal seba snin shah kien wiehed minn dawk responsabbli minn dawn l-exchanges li kienu Central, Rabat Zebbug, Zejtun 1 u 2, B'Bugia, M'Skala u taz-Zurrieq. Kien ukoll wiehed minn tlieta li gew mqabbda jahdmu mal-enginiera Francizi fuq installazzjoni taz-Zejtun 2.

Meta fl-1989 applika ghal grad ta' TOII u TOIII dak iz-zmien kien diga TO1. Kien hemm zewg interviews differenti. Dwar is-**snin ta' servizz** semma li kien impjegat mal-Post and Telephones fl-ewwel ta' Frar 1974. Ta' Technical Officer II gie moghti 9 punti minn 30 u ta' Technical Officer III gie moghti 15 il-punt meta hu suppost gie moghti punt ghal kull sena. Impjegati ohra gew trattati differenti minnu.

Wallace Tabone gie moghti punti massimi wara tletin sena servizz mal P&T u Telemalta, John Mifsud gie moghti punti massimi. Semma diversi ohra.

Dwar **esperjenza** semma li Wallace Tabone minn TT2 tela ghal TO III jigifieri qabza ta' 4 gradi meta dan kwazi iz-zmien kollu li dan jahdem mat-Telemalta dejjem kien jahdem gewwa it-Testroom, gab 14 minn 20 ghall-esperjenza. Darmanin Lawrence, minn TT III qabza ta' 3 gradi ghal TO III meta dan bhal ta' qablu kien dejjem gewwa it-testroom ta' B'Kara u 10 minn 20. Cachia Francis minn TT2 qabza ta' erba' gradi ghal TOIII meta xogholu kien biss bhala linesman minn meta dahal mal-P&T 1965 sal-1987, gab 20 minn 20. Spiteri Raymond, minn TT I qabza ta' hames gradi gahll-TO III meta xogholu dan kien il-workshop u testroom minn meta dahal jahdem fil-1963 sal-1987 u gab 15 minn 20. Carmel Zammit minn TT II qabza ta' 4 gradi ghal TO III, gab 20 minn 20.

Semma li dwar **kwalifiki** Tabone Wallace, Bezzina Arthur, zammit Carmel, Cachia Frans, Tabone Henry, Darmanin Lawrence, Spiteri

Raymond, Galea S u Gilson Joseph li m'ghandhomx ebda certifikat hadu l-promozzjoni u hu bic-certifikati gab ghal TO III 10 punti minn 15, u ghal TO II 10 minn 15 u ma ikkwalifikax ghall-grad ta' TO II / TO III.

Dwar il-**mistoqsija teknika** semma li fil-board maghzul wiehed biss kien tekniku it-tnejn l-ohra ma kellhom ebda idea ta' teknika. Meta gie mistoqsi mill-Enginier A Balzan fuq l-E10 exchange wiegeb tajjeb u dan setgha jghid ghaliex xogholu kien jafu sewwa. Engineer esperjenza fuq l-E10 kellu ftit jew xejn. Inghata ghall-TO3, 6 punti minn 20, u ghall-TO2 10 minn 20; hass li kellu jinghata il-punti massimi.

Dwar il-**mistoqsija generali** sostna li gie mistoqsi domandi semplici

Dwar **personalita'** hass li l-marka kienet ingusta.

| | TO2 | TO3 |
|---|---|---|
| Snin ta' servizz | 9 | 15 |
| Esperjenza | 8 | 5 |
| Kwalifiki | 10 | 10 |
| Mistoqsija Teknika | 10 | 6 |
| Mistoqsija Generali | 6 | 4 |
| Personalita' | 4 | 4 |

Fl-ahhar semma li kien hemm persuni li tant kienu certi li ser jiehdu l-promozzjoni li jridu, li ma applikawx ghall-TT2, TT3, TO1, TO2 u applikaw biss ghall-TO3 dawn huma:

| | | |
|---|---|---|
| -Zammit Carmel | Index no. 5754 | Grad TT2 |
| - Zahra Anton | 6678 | TT1 |
| - Cachia Francis | 6193 | TT2 |
| -Spiteri Raymond | 6679 | TTI |
| - Tabone Henry | 5414 | TT2 |

Dawn kienu persuni li qatt ma kellhom xoghol ta' responsabilita' kienu nies li jaghmlu biss ix-xoghol li jigu imqabbda biex jaghmlu minghajr ma jiehdu certi decizjonijiet, nies li fil-maggoranza taghhom kienu jappogjaw il-gvern tal-gurnata u kienu maghrufin sew.

Ir-rikorrent in kontro ezami semma li hu dahal bhala apprentist mal-Post & Telephones, GPO dak iz-zmien, fit-30 ta` Ottubru 1967 u sar tal-fiss fl-1 ta` Frar 1974. In-nies l-ohra li semma saru tal-fiss qablu. Sostna li "hemm kazijiet li l-Inginier Balzan kien ammetta li kellu pressjoni fuqu dwar allokazzjoni ta` postijiet u dan anke jirrizulta fir-rikors 655/97 quddiem it-Tribunal fil-kaz tar-rikorrent Silvio Privitera meta xehed l-inginier Balzan jew fl-10 ta` Jannar jew fl-20 ta` Marzu."

David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom semma li John Mifsud dahal fis-6 ta` Marzu 1957, Frank Taljana dahal fil-15 ta`

Mejju 1957, Carmel Bezzina dahal fl-20 ta` April 1965, Eric Zahra dahal fit-8 ta` Lulju 1965, Lawrence Spiteri dahal fit-22 ta` Dicembru 1957 u Joseph Gilson dahal fl-24 ta` Novembru 1966. Ipprezenta wkoll kopja tar-rapporti tal-bord ta` l-ghazla ghall-postijiet ta` Technical Officer II u Technical Officer III bid-data tad-19 ta` April 1990.

Intalbet l-allegazzjoni tax-xhieda ta' Albert Balzan fil-kawza fl-ismijiet Silvio Privitera vs Maltacom P.L.C. tas-seduta tat-23 ta' Novembru 1999, quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Dan semma li kien membru fil-bord ta' l-ghazla ghall-Telecom technician 3. Fil-bord ta' l-ghazla konna jiena, Godwin Ellul u Charles Zammit. Semma li l-Ministru li kien nkarigat mit-Telemalta dak iz-zmien nghid li kien Pierre Muscat. Xehed "Mistoqsi qattx kelli ndhil jew mill-Ministru Muscat jew mic-Chairman tat-Telemalta jew mis-Sur Debono li kien il-General Manager nghid li dejjem kienu jghidulna biex nghaggel. Mistoqsi qattx inghatajt xi listi ta' nies nghid li jiena bhala lista qatt ma nghatajt, izda gieli kienu sarulna xi mistoqsijiet fir-rigward ta' certi persuni jekk dan resaqx jew le.

Nghid li l-Ministru kien saqsieni certi domandi bhal dawn. Mistoqsi jekk qattx gejt mistoqsi minn xi hadd biex niehdu hsieb certi persuni partikolari li gew indikati b'isimhom nghid li jista jkun li kien hemm min qalli hekk ukoll. Mistoqsi dawn l-ismijiet kienux jghadduhomlna bil-fomm jew lista bil-miktub nghid li bil-fomm…Mistoqsi jekk dawk li gew lili ndikati mill-Ministru inghatawx marka gholja minni fuq mistoqsija teknika nghid li jista' jkun dan. "

**KONKLUZZJONIJIET:**

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | <u>**15**</u>% |
| Kwalifiki | <u>**25**</u>% |
| Mistoqsija Teknika | <u>**15**</u>% |

| | |
|---|---|
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita’ | 5% |

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**snin ta’ servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta’ applikanti ohra. B’hekk biss it-Tribunal ikun jista’ jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta’ servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:
30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta’ servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe’ 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta’ servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-

maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tarrizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 15 ghal TO III, u 9 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; certament li l-marka ghal TO II hija zbaljata u trid titla bhal ta' TO III ghal 15;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 5 ghal TO III, u 8 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Technical Officer I u wara li ezamina x-xhieda moghtija u dokumenti ezibiti jhoss li suppost inghata 13 u 17; bl-allokazzjoni l-gdid tat-Tribunal dawn isiru 10 u 13;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 10 ghal TO III, u 10 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn isiru 17 u 17;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 6 ghal TO III, u 10 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%;  it-Tribunal wara li ezamina x-xhieda u dokumenti, inkluz li ra x-xhieda moghtija mill-Inginier Balzan, ihoss li marki ekwi kellhom ikunu 10 u 15;  bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marki jsiru 8 u  11;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 4 ghal TO III, u 6 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%;  it-Tribunal ihalli l-istess marki ghal 4 u 6;
Dwar Personalita' l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4 ghal TO III, u 4 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; hawn it-Tribunal ihoss li certament ir-rikorrent kien haqqu 5 u 5.

Dan igib it-Totali ghal TO III ghal 59  u ghal TO II ghal 67. Naturalment l-aktar li tibbenefika lir-rikorrent hija ta' TO III.  59 hija sufficjenti.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' TO III b'effett mill-istess data li inghatat lit-TO III l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.